**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 29 ta' Marzu, 2017**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Saviour Gaffarena**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Saviour Gaffarena detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 449592M akkuzat talli:

Fil-lejl ta' bejn is17 u t-18 t' Awwissu, 2009 minn gewwa kamra li tinsab go ghalqa li qieghda f' tal-Qasam il-Kbir limiti tal-Qrendi ikkommetta serq ta' senter tal-kacca tal-marka Luigi Franchi bin-numru tas-serje T17480,

liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin euro centezmu (€232.94) izda ma jeccediex l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) bil-mezz u bil-hin, ghad-detriment ta' Clyde Gauci u Sandra Gauci u/jew persuna/i ohra (Art 261(b)(c)(f), 263(a), 267, 270, 278(3), 279(a) Kap 9)

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pusses tieghu arma regolari u cioe' senter tal-kaxxa tal-marka Luigi Franchi bin-numru tas-serje T17480 minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta' Novembru, 2014 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw serq ta' senter tal-marka Luigi Franchi bin-numru tas-serje T174980 liema senter allegatament insteraq fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 t' Awwissu 2009, minn kamra f' ghalqa f' Qasam il-Kbir, limiti tal-Qrendi. Ir-rapport[1] dwar din is-serqa sar minn Tarcisio Tabone il-proprjetarju tal-kamra minn fejn insteraq is-senter kif

[1] Okkorrenza nserita a fol 20 et sequitur tal-atti processwali.

ukoll tal-istess senter. Huwa rraporta li kien telaq mill-kamra fejn halla s-senter li kien jiswa €580 ghall-habta tad-9:00pm tas-17 ta' Awwissu 2009 u kien sab it-tieqa sgassata u s-senter nieqes ghall-habta tal-5:30am tat-18 t' Awwissu, 2009. Fis-sena 2013 il-Pulizija rceviet informazzjoni kunfidenzjali li l-imputat odjern Saviour Gaffarena kien involut f' din is-serqa u huwa gie arrestat u nterrogat fejn irrilaxxja l-istqarrija inserita a fol 15 sa 16 tal-atti processwali. F' din l-istqarrija l-imputat innega l-involviment tieghu fis-serqa, qal li ma kienx jaf lill-proprjetarju tal-kamra u li qatt ma kien acceda fl-inhawi tal-ghalqa fejn kienet tinstab il-kamra jew fl-istess kamra. Huwa accetta li jittiehdulu l-impronti digitali sabiex isir ezami komparattiv mal-lifters li nstabu fuq ix-xena tad-delitt. Wara li sar l-ezami komparattiv mill-Laboratorju tax-Xjenza Forensika fi hdan il-Korp tal-Pulizija u dan irrizulta fil-pozittiv inbdew il-proceduri odjerni fil-konfronti tal-imputat fl-4 ta' Novembru, 2014 fejn huwa gie akkuzat b' serq kwalifikat bil-mezz, hin u valur ghad-detriment ta' Clyde Gauci u Sandra Gauci u/jew persuna ohra, kif ukoll bil-pussess ta' arma regolari minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Ikkunsidrat:

Illi f' dawn il-proceduri l-Qorti hatret bhala espert lil Joseph Mallia sabiex huwa jeleva l-impronti digitali tal-imputat u jaghmel ezami komparattiv mal-lifters li gew elevati mis-Scene of the Crime Officers mill-kamra fejn saret is-serqa de quo.

Illi fir-rapport tieghu nserit a fol 64 et sequitur tal-atti processwali l-espert Joseph Mallia wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

*Illi wara li gew ezaminati, studjati u kkomparati d-dokumenti 09BSW301, 09BSW302, 09BSW304, 09BSW305 u 09BSW306, lifters li jigbru fihom impronti digitali zviluppati permezz tal-aluminium powder u elevati permezz ta' lifting tape fuq acitate sheet trasparenti, u d-dokumenti SG 1 formola tal-impronti digitali u SG 2 formola tal-marka tal-pali tal-idejn ta' Saviour Gaffarena, li joqghod fil-fond numru 18, "Santa Anna" Triq ic-Cavi, Imqabba, detentur tal-karta tal-identita numru 449592(M), l-esponent jikkonkludi dan li gej:*

1. *Illi l-marki li jidhru zviluppati u elevati permezz tal-lifters dokumenti 09BSW301 u 09BSW302, huma marki ta' pedati, ghalhekk ma setghux jsiru l-ezamijiet komparattivi rikjesti bejn dawn il-marki, u d-dokumenti SG1 formola tal-impronti digitali u SG 2 formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Saviour Gaffarena, detentur tal-karta tal-identita numru 449592(M)*
2. *Illi l-impronta li tidher zviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 09BSW303, hija nieqsa mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni, ghalhekk ma setghux jsiru l-ezamijiet komparattivi rikjesti bejn din l-istess impronti, u d-dokumenti SG 1 formola tal-impronti digitali u SG 2 formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Saviour Gaffarena, detentur tal-karta tal-identita numru 449592(M)*
3. *Illi l-impronta li tidher zviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 09BSW304, giet ikkomparata pozittivament u ghalhekk*

*hija identika mal-marka tas-swaba l-werrej tal-id il-leminija ta' Saviour Gaffarena, detentur tal-karta tal-identita numru 449592(M)*

4. *Illi l-impronta li tidher zviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 09BSW305, giet ikkomparata pozittivament u ghalhekk hija identika ml-marka tal-pala tal-id il-leminija ta' Saviour Gaffarena, detentur tal-karta tal-identita numru 449592(M)*
5. *Illi l-impronta li tidher zviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 09BSW306, giet ikkomparata pozittivament u ghalhekk hija identita mal-marka tal-pala tal-id il-leminija ta' Saviour Gaffarena, detentur tal-karta tal-identita numru 449592(M)*

Ikkunsidrat:

Illi f' dawn il-proceduri l-imputat qed jigi akkuzat b' serq kwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin kif ukoll li kien fil-pussess ta' arma regolari minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi kif jirrizulta mir-rapport tal-espert tal-impronti digitali nominat minn din il-Qorti l-impronti digitali li nstabu fuq il-bieba tal-forn li kien hemm fil-kamra minn fejn insteraq is-senter kienu jaqblu ma' dawk tal-imputat. Fl-istqarrija minnu rilaxxjata l-imputat qal li huwa qatt ma kien dahal fl-imsemmija kamra jew mar fil-vicinanzi u li ma kienx jaf lill-proprjetarju tal-kamra jew tas-senter. Ghalhekk isegwi li ma hemm l-ebda raguni ohra il-ghala kellu jkun hemm l-impronta digitali tal-imputat fil-kamra salv ghaliex huwa effettivament kien il-persuna li sgassa t-tieqa u seraq is-senter fid-data, lok u hin indikati fic-charge sheet.

Illi d-Difiza rrilevat li fic-charge sheet hemm indikat li s-serq sar ghad-detriment ta' persuni differenti minn dak li waqt is-smiegh tal-kawza rrizulta li kien il-proprjetarju tas-senter misruq. Huwa minnu li mill-provi rrizulta li s-senter kien jappartjeni lil Tarcisio Tabone mentri fl-akkuza ma hemmx indikat dan il-persuna izda jinghad li s-serq sar ghad-detriment ta' Sandra u Clyde Gauci. Id-Difiza ghandha ragun f' dan ir-rigward izda fic-charge sheet hemm ukoll indikat li s-serq sar ghad-detriment ta' Sandra u Clyde Gauci u/jew persuna/i ohra u dan jista' jitqies ghalhekk li jinkludi wkoll lil Tarcisio Tabone.

Illi waqt it-trattazzjoni finali d-Difiza ssottomettiet ukoll li ma jirrizultawx pruvati l-aggravji tal-hin u tal-valur. Minn ezami bir-reqqa tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirrizulta fil-fatt li ma ngabitx il-prova tal-valur tas-senter misruq u jsegwi ghalhekk li l-imputat ma jistax jinstab hati bis-serq aggravat bil-valur.

Illi in kwantu jirrigwarda l-kwalifika tal-hin, izda, din il-Qorti jidrilha li jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-vittma Tarcisio Tabone telaq mill-kamra fejn halla s-senter ghall-habta tas-7:00pm u rritorna l-ghada filghodu fil-5:30am u li ghalhekk is-serqa saret wara nzul ix-xemx.

Illi mill-provi rrizulta wkoll li ntuzaw mezzi sabiex giet maqlugha t-tieqa tal-hadid minn fejn imbaghad dahal jew dahlu fil-kamra l-persuni li dahlu fil-kamra minn fejn insteraq is-senter. Dan jirrizulta mir-ritratti mehuda mis-Scene of the Crime Officers li accedew fuq il-post kif ukoll mix-

xhieda ta' Tarcisio Tabone li jghid li sab it-tieqa sgassata u maqlugha u anki xi gebel maqlugh. L-ewwel aggravju tal-mezz ghalhekk jirrizulta privat sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi waqt it-trattazzjoni finali d-Difiza accennat ukoll li l-imputazzjoni ta' serq tista' tkun preskritta peress li s-serq sar f' Awwissu 2009 u l-proceduri odjerni gew intavolati fl-4 ta' Novembru, 2014, u cioe' ftit aktar minn hames snin wara.

Illi s-serq kwalifikat bil-mezz u bil-hin jikkomporta piena ta' massimu ta' tliet snin prigunerija skond l-Artikolu 279(1) tal-Kodici Kriminali u meta s-serq bil-mezz ikun akkompanjat bi kwalifika ohra li ma tkunx il-vjolenza, il-piena ma tistax tinghata fil-minimum skond l-Artikolu 279(2).

Illi skond l-Artikolu 688(d) tal-Kodici Kriminali l-azzjoni kriminali tigi estinta wara hames snin ghal reati li jikkomportaw piena ta' anqas minn erba' snin izda mhux anqas minn sena. L-Artikolu 692 tal-Kodici Kriminali izda jipprovdi li l-perjodu ta' preskrizzjoni ma jibdiex jiddekorri meta l-persuna li kkommetta r-reat ma jkunx maghruf. Fil-kaz odjern mill-provi rrizulta li l-Pulizija rceviet informazzjoni li l-imputat kien il-persuna nvoluta fis-serqa de quo fis-sena 2013 u fil-fatt huwa gie nterrogat fit-22 ta' Ottubru 2013 u kien f' dak l-istadju li gew elevati l-impronti digitali tal-imputat u sar l-ezami komparattiv mal-lifters li nstabu fuq ix-xena tad-delitt. Dan ifisser li l-perjodu ta' preskrizzjoni beda jiddekorri minn Ottubru 2013 u li ghalhekk l-azzjoni kriminali m' hijiex preskritta.

Illi una volta li qed jigi stabbilit li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat seraq is-senter, isegwi li huwa kien fil-pussess ta' arma regolari minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija stante li huwa garr is-senter de quo u stante li mill-provi rrizulta li huwa ma kellux licenzja sabiex igorr tali arma.  Huwa sejjer ghalhekk jinstab hati anki tat-tieni mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati specjalment minhabba n-natura tal-haga misruqa.  Il-Qorti izda kkunsidrat ukoll li fiz-zmien meta kkommetta r-reat l-imputat kien minorenni u kellu fedina penali nadifa.  Fic-cirkostanzi l-Qorti ser timponi piena karcerarja sospiza fil-massimu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 270, 279(1) u (2), 17 u 31 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tieni mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu salv li in kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni huwa qed jinstab hati biss ta' serq kwalifikat bil-mezz u bil-hin izda mhux bil-valur u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b' applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' tliet (3) snin millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub mir-

Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' seba' mija sitta u sebghin ewro u disgha u hamsin ewro centezmi (€776.59)[2] liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

**Magistrat**

[2] Rapport Joseph Mallia (pg 64-pg97) €776.58c